Għalhekk nifirħu llum b'tislima xierqa
Lil min raħalna rabat ma' ġrajjietu
U għalenija toħroġ l-għajta mbierka,
Kburin għamiltna Andrija.

# 100 sena tal-M.U.S.E.U.M. f'Ħal Luqa

**F'din is-sena hekk speċjali b'mod partikulari għas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M. li din is-sena tagħlaq 100 sena ġewwa Ħal Luqa, huwa xieraq li nagħtu tagħrif dwar il-fergħa f'Ħal luqa, mill-Perit Indri Micallef li kien ukoll soċju u bandist fi ħdan l-Għaqda Mużikali Sant'Andrija. Dan it-tagħrif hu meħud mill-Ktieb li kien stampat fl-okkażjoni tal-75 sena ta'ħidma F'Ħal Luqa 1912-1987 mis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M.**

Fiż-żmien ta' qabel l-Ewwel Gwerra Dinjija, kien hemm numru kbir ta' Ħalluqin jaħdmu t-Tarzna. Dawn u ħafna ġuvintur oħra kienu joqogħdu jisimgħu lill-ewlenin membri tal-M.U.S.E.U.M. jagħmlu l-lezzjonijiet waqt il-ħin tal-mistrieħ f'nofsinhar.

Spiru Spiteri u Eugenio Borg kienu spiss javviċinaw lill-ħaddiema ġuvintur minn Ħal Luqa sabiex jissieħbu fl-għaqda ta' Dun Ġorġ. Sas-sena 1911, kienu diġà nfetħu ħdax-il dar tal-"Mużew". It-tnax-il wieħed kellu jkun ta' Ħal Luqa.

Uħud minn dawn il-ġuvintur li ntgħażlu biex jiftħu dar ġewwa r-raħal tagħna kienu: P. P. Sammut, Rafel Agius, Leone Cauchi, l-aħwa Mercieca, u bosta oħrajn. Il-Perit Andrea Micallef, ġuvni eżemplari ħafna u li kien ikun sikwit ma' Dun Ġorġ, tħajjar hu wkoll biex jidħol fis-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M.

Hu stinka ħafna u kien sikwit javviċina l-Kappillan ta' dak iż-żmien, il-W.R. Dun Anton Vella, sabiex jagħti s-sensja li jinfetaħ Qasam tal-Irġiel ġo Ħal Luqa, bħalma sar f'ħafna parroċċi oħrajn. Il-Kappillan Vella ma sab ebda diffikultà li jinfetaħ Qasam fir-raħal, għall-ġid tal-parruċċani tiegħu.

Imma l-Kappillan uriehom, mingħajr tlaqliq, li t-tagħlim tad-Duttrina tat-tfal subien ma kienx fi ħsiebu jitilqu minn taħt idejh, għax, kien igħid: "Li t-tagħlim tat-tfal huwa responsabbiltà kbira wisq quddiem Alla; fuq spallejn il-Kappillan". U kellu raġun.

Kienet is-sena 1912. Il-Perit Micallef kien spiss jiltaqa' ma' dawk il-ġuvintur li semmejna, u magħhom issieħbu wkoll Gio. M. Ellul u Salvu Cauchi.

Dawn it-tnejn kienu għalliema fl-iskola tal-Gvern tar-raħal. Tħajjar ukoll Carmelo Sapiano, bniedem dehen fil-lingwa Taljana. Dan kien novizz Kapuċċin, imma l-volonta t'Alla wrietu triq oħra, u għalhekk ma kompliex.

Dak iż-żmien, f'Ħal Luqa kien hawn ħafna djar battala għall-kiri. Għalhekk, iddeċidew li jikru post għal-laqgħat ta' bejniethom, u anke sabiex jiġbru lit-tfal subien, ħalli jgħallmuhom id-Duttrina. Għalhekk, inħasset il-ħtieġa li jinkera post fi Sqaq Nru. 5, Triq Sant'Andrija. Dan il-post

kien jikkonsisti f'intrata kbira u wiesgħa, kbira daqs remissa.

Ġewwa, fin-naħa tal-lemin, kien hemm bieb, li kien jagħti għal ġo bitħa kbira ħafna. Kien hemm siġra kbira, imxebilka mal-ħajt, b'ħafna fjuri ċelesti, li kien fihom għaxqa kbira. Ġo din il-bitħa, kien hemm ukoll kamra kbira, b'ħafna ħnejjiet. Il-post infetaħ fl-20 ta' Mejju 1912.

Kien is-Sajf tas-sena 1912, meta bdew jiltaqgħu l-ġuvintur li ssieħbu mas-Soċjetà. Iltaqgħu fid-dar tal-Museum u bdew isiru xi lezzjonijiet, skont il-finijiet u r-regolamenti tas-Soċjetà. Ċertu soċju mill-Ħamrun, jismu France Calleja, kien jitla' Ħal Luqa sabiex jagħti daqqa t'id. Calleja kien suldat mal-K.O.M.R.

Ġieli ġie dritt mix-xogħol, bl-uniformi fuqu. Dan kien wieħed mill-ewlenin soċji tal-Qasam tar-Raħal, b'esperjenza kbira fl-appostolat tal-M.U.S.E.U.M. Kien ħajjar ukoll lil wieħed minn sħabu, suldat ukoll, li kien joqgħod ir-Rixtellu. Dan is-suldat, li kien mir-raħal, kien twil ħafna, u kien magħruf bħala ċ-Chaley.

Is-soċju Calleja kien ħadem u rsista ħafna biex jagħti għeruq tajba u sodi lid-Dar ta' Ħal Luqa. Dan beda jiġbor it-tfal u jeħodhom il-Museum. Dik is-sena, l-Ewwel Tqarbina saret fit-22 ta' Mejju, 1912. Kienet is-sena li fiha l-Qaddis Papa Piju X kien ta l-permess lit-tfal biex ikunu jistgħu jagħmlu l-Ewwel Tqarbina fl-età ta' 7 snin.

Is-soċju Calleja beda l-attendenza tal-Qasam b'sebgħa jew għaxart itfal. Kien jeħodhom il-Museum, ipoġġihom bil-qiegħda fil-bitħa u jgħallimhom dawn iż-żewġ versi:

"Ejjew, ejjew, ejjew,
Ejja mmorru sal-Mużew.
Nitgħallmu d-duttrina,
San Ġużepp jitlob għalina."

Wara li kien jgħallimhom dan, kienu jmorru mat-toroq tar-raħal, ikantaw: "Ejjew, ejjew, ejjew..." U oħroġ il-għaġeb, sakemm jaslu l-Museum, kien ikollhom ċorma kbira tat-tfal tgħajjat warajhom. Ġol-Qasam, imbagħad, kienu jgħallmuhom id-Duttrina. Dan kien il-bidu, tista' tgħid, tal-Qasam ta' Ħal Luqa.

Id-Duttrina tat-tfal subien kienet issir kuljum fil-Knisja Parrokkjali, wara l-Barka Sagramentali ta' filgħaxija. Wara l-Barka, kienet tindaqq mota ta' tletin tokk bil-qanpiena "x-Xiħa", sabiex jinġabru t-tfal subien fil-knisja, għat-tagħlim tad-Duttrina.

Il-katekisti għat-tfal kbar, dawk ta' fuq it-tnax u l-ħmistax-il sena, kienu Dun Ġużepp Baldacchino u Dun Piet Demiċoli. Dawk it-tfal ta' bejn is-sitt snin u t-tnax-il sena kienu jgħallmuhom is-sekulari, aktarx l-abbatini.

Meta jagħlqu tnax-il sena, kienu jgħallmu lit-tfal li kienu ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina. Kienu jgħallmuhom l-Għanijiet tal-Fidi, Tama, Imħabba u Ndiema. Nhar ta' Ħamis, il-Kappillan Vella kien jiġborhom ilkoll fil-korsija tal-knisja u kien jispjegalhom ċerti punti tad-Duttrina. Kien itellgħalhom xi premju darba fix-xahar. Kien jagħżel żewġt itfal u jgħallimhom xi poeżiji, forma ta' djalogu.

Tifel minnhom isaqsi, u l-ieħor jirrispondi. Dan il-metodu ma nbidilx sakemm dam Kappillan fil-parroċċa. It-tagħlim tad-Duttrina fil-M.U.S.E.U.M lit-tfal subien kien isir fis-Sajf biss. Kienu jinġabru l-"Mużew" għal xis-6.00 p.m. u kienu jdumu sa xis-7.00 p.m. Xi kultant kien ikun hemm xi intervall żgħir b'xi ċajta minn xi soċju. Nhar ta' Ħadd, wara l-Barka, ġieli ħarġu għal xi passiġġata. Andrea Micallef u Gio Maria Ellul, fl-1914 marru jiftħu l-M.U.S.E.U.M. tal-Gudja.

Fit-Triq tal-Belt, Strada S. Paolo kien hemm dar kbira ħafna li kienet battala. Kellha ġnien magħha, u ħassew li kienet tajba bħala Qasam. Din kienet ta' saċerdot, Dun Baskal Buhagiar, li kien miet fis-sena 1900. Baqgħet vojta, u l-Perit A. Micallef u sħabu s-soċji tħabtu ħafna. Sa fl-aħħar

krewha, naddfuha u rranġawha kif setgħu sabiex jagħmluha dar xierqa biex tilqa' fiha t-tfal.

Fil-fatt, din id-dar irnexxiet ħafna, u kienet għal qalb ta' kulħadd.

F'din id-dar bdew isiru l-lezzjonijiet kif suppost, bdew isiru l-irtiri tas-Soċjetà, u anke bdew isiru l-Qagħdiet tal-barranin. Is-Superjur magħżul kien il-Perit A. Micallef.

F'dan il-Qasam il-ġdid, kien hemm ħafna soċji, u kienu jattendu ħafna u ħafna tfal; it-tagħlim tad-Duttrina kien isir fis-Sajf biss, kif diġà ngħad qabel. Imma s-Superjur Micallef kien avviċina lill-Kappillan Vella sabiex jagħtih permess li nhar ta' Ħadd filgħodu, jiġbor it-tfal subien għall-Quddiesa u jitqarbnu fiha. Il-Kappillan laqa' din it-talba bil-pjaċir kollu, u hawnhekk kien il-bidu tal-użanza li tal-M.U.S.E.U.M jiġbru t-tfal għall-Quddiesa u t-Tqarbina flimkien, kif għadu jsir sal-lum.

Fi Triq Brittanika (illum Triq Pawlu Magri), nru. 3-4 kienet toqgħod ċerta Ġużeppa Monpalao. Meta mietet, fl-1917, din id-dar tbattlet mill-werrieta tagħha u riedu jikruha.

Il-membri tal-M.U.S.E.U.M, billi din id-dar kienet iktar viċin għall-Knisja milli d-dar kbira li kellhom, tħajru jikruha. Dak iż-żmien, il-kera kien irħis ħafna, kważi b'xejn. Għalhekk, ġie deċiż li joħorgu mid-dar ta' Triq San Pawl u jmorru fi Triq Brittanika, fid-dar mikrija lilhom mingħand il-werrieta ta' Monpalao. Meta s-soċji daħlu għall-ewwel darba ġo din id-dar, is-Superjur Micallef kien inbidel.

Minfloku, laħaq Superjur Rafel Agius; is-soċji kienu Carmelo Sapiano, G. M. Ellul, Noe Ciappara, Andrea Vassallo, l-aħwa Pawlu u Indri Camilleri u ħafna ġuvintur oħra.

Minn hawn 'il quddiem is-soċji tal-Museum komplew jaħdmu u jkabbru l-fergħa ta' Ħal Luqa biex tilqa' għall-bżonnijiet dejjem akbar tar-raħal ta' Ħal Luqa.

Minn Triq Brittanica marru f'post ieħor fl-istess triq sakemm marru fil-post fi Triq ir-Rixtellu li kien tat-tabib Bartolo. Dan kien wegħdhom li jikrihulhom, iżda laħaq miet. Wara mewtu s-soċji infurrnaw lill-mara tiegħu b'dan, u bil-kontentizza tat-tieni raġel tagħha Antonio Micallef din tagħtulhom b'ċens fis-sena.

Għalkemm il-Museum illum għadu fl-istess post kienet ilha tinħass il-ħtieġa li dan jaqa' u jinbena mill gdid. Għall-ewwel kienet ser tinbena biss kappella iżda dan ma seħħx. Kien fi żmien is-superjur Tony Sultana li ġie deċiż li jaqa' l-Museum u jinbena ieħor mill-ġdid.

Sadanittant il-Museum mar fl-lok temporanju fi Triq il-Karmnu u fil-kappella tal-ftajjar sakemm tlesta u infetaħ mill-ġdid.

Ma nistgħux ma nsemmux soċi u superjuri oħra minn Ħal Luqa u anke minn oqsma oħra li taw kontribut kbir biex din l-istorja ta' 100 sena baqgħet ħajja sal-lum.

Persuna li kważi għexet dawn is-snin kollha hu Tuse Mallia li għamel żmien twil superjur u għadu soċi f'dan l-istess qasam. Lil Tuse nirringrazzjawh tax-xogħol li jagħmel anke fil-knisja u nitolbu lill-Mulej tih aktar snin ħa jkompli jaħdem għall-ġid tal-bnedmin.

Illum wara 100 sena ta' Museum f'Ħal Luqa napprezzaw kemm superjuri u soċi ħadmu biex għallmu tant tfal u żgħażagħ li wħud minnhom ukoll ġew imsejħin biex jaħdmu fl-għalqa tal-Mulej bħala saċerdoti u tant oħrajn li bnew familja tajba.

F'isem il-familji Ħal Luqin kollha nirringrazzjaw lis-Soċji tal-M.U.S.E.U.M għat-tagħlim u l-formazzjoni Nisranija li jagħtu lit-tfal tagħna u nitolbu lil San Ġorġ Preca jżomm idejh fuqna.